MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1172/2012

**The Catering Centre Limited**

**Vs**

**Entertainments Limited, Mark Grima u Simon Grima**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ erbgha u hamsin elf mitejn u sitta u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€54,266.43) bilanc minn somma akbar bhala prezz ta’ *catering equipment* li nbiegh u gie konsenjat. B’kuntratt tal-11 ta’ Awissu 2011 l-attrici u l-kumpannija konvenuta ghamlu kuntratt ta’ bejgh u xiri (fol. 9). Gew ukoll iffirmati numru ta’ kambjali li parti minnhom jimmaturaw mit-28 ta’ Marzu 2012 sat-28 ta’

Frar 2014 (fol. 15 – 22). Jidher li fil-bidu tas-sena 2012 il-kumpannija waqghet lura fil-hlasiijet li kellha taghmel kull xahar ta' €2,359.41 u li kellhom isiru fil-15 il-gurnata ta' kull xahar. Skond klawzoli sebgha u tmienja tal-kuntratt jidher li l-kumpannija konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu pattwit.

Ghalkemm mill-atti jidher li l-konvenuti huma notifikati, ma wiegbux.

Fis-seduta tal-lum ufficjal mill-kumpannija attrici kkonferma li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hi debitrici tal-kumpannija attrici fis-somma ta' erbgha u hamsin elf mitejn u sitta u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€54,266.43).**
**2. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' erbgha u hamsin elf mitejn u sitta u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€54,266.43), bl-imghax mid-data meta l-attrici naqset milli thallas l-iskadenza li tmur l-iktar lura.**
**3. Tiddikjara li l-ahwa Grima huma solidalment debituri tal-kumpannija attrici fis-somma fuq imsemmija b'dan li qeghdin jigu kkundannati jhallsu lill-attrici:-**
**i. Dik is-somma minn €54,266.43 li tirreferi ghall-kambjali li mmaturaw mit-28 ta' Marzu 2012 sat-28 ta' Marzu 2012, bl-imghax mid-data li mmaturat kull kambala.**
**ii. Ghall-bilanc il-hlas ikun dovut fid-data li jimmaturaw il-kambjali l-ohra, bl-imghax minn tali data.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------